MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 31 ta' Jannar 2021 **Ref:** DLAP 027/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Medji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Filmati tal-Programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja' (FRWP)

---

Matul it-tieni u t-tielet term tas-sena skolastika 2020-2021, il-Promoturi tal-Litteriżmu tal-Aġenzija se jissoktaw itellgħu filmati ta' kotba jew artikli relatati mal-isport, il-futbol u s-saħħa fuq il-paġna ta' Facebook tal-programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja / *Footballers Read and Write Programme'.* Dawn il-filmati jittellgħu kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, fid-9:00 u l-11:00 ta' filgħodu.

L-għan ta' dawn il-filmati hu li nħajru lil tfal ta' bejn 8 u 12-il sena li ma jħobbux jaqraw u jiktbu, itejbu l-ħiliet tas-smigħ u l-fehim tagħhom permezz ta'stejjer u artikli li jogħġbuhom.

Il-ġenituri u l-edukaturi huma mħeġġa jsegwu dawn il-filmati ma' wliedhom u jibgħatu r-risposti għall-mistoqsijiet li jkun hemm fl-aħħar ta' kull filmat. Kull xahar se jintgħażlu tliet rebbieħa u dawn jingħataw ktieb jew kupun li jissarraf f'kotba. **Ir-risposti għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil nla@ilearn.edu.mt.**

Min ikun jixtieq iktar tagħrif fuq din l-inizjattiva, jista' jżur il-paġna ta' Facebook 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja / *Footballers Read and Write Programme'* jew iċempel 2598 3324.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

Kamra 309/310, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 | t: + 356 2598 2425/6/7 | e: dlap@gov.mt / sandra.ebejer@ilearn.edu.mt | w: www.education.gov.mt